# Is-Sahriet ta' Santu Wistin

## L-EWWEL LEJLA

B'ruħi miksija b'elf ġerħa moqżieża b'qalbi mrabbta bl-irbit iebes u qadim tad-dnubiet, b'moħħi mgħammad bil-qerq qerriedi tal-ħżunija tal-Manikin u l-bogħod minn Alla, tlaqt għan-naħa ta' Ruma, fejn kienu jixħtuni l-irjeħ ta' xewqati. Il-mard ta' ruħi kien wasal f'ħâl illi anqas ma kont inħossu iżjed. Iżda kienet tħossu wisq tajjeb ommi li, meta ratni nitbiegħed, tilfet kull faraġ ta' tama li tista' tfejjaqni. Imħeġġa minn l-imħabba, tiġi miegħi sal-baħar; u meta issa rat mitlufa kull tama li tista' tbiddilli fehmti, b'qalba miksura bdiet titlobni u tistaħlifni sabiex neħodha u nsefirha miegħi.

Kienet il-għaxija meta jiena għamilt ta' bir-ruħi li nmil għal xewqatha u nqdejt bi tjubitha biex inqarraq biha. Wegħidtha li maż-żerniq ta' l-għodwa nitilqu flimkien, iżda ma' tul da'l-ħin hija għandha tgħaddi l-lejl titlob bil-ħeġġa fuq il-qabar tal-kbir Ċiprijanu. Hija emmnitni, u f'da'l-ħin jiena nitlaq u nsiefer. Kif baqgħet hija meta ma' tlugħ ix-xemx waslet il-marsa u l-ġifen, li fuqu kellna nsiefru flimkien le iżjed ma ratu, taf int biss, ja Alla ta' dejjem, int li smajt ix-xhir li jmiss il-qlub u t-talb jidwi max-xtajta kollha. Bajdanija u weħidha, b'rasha mitluqa lejn l-art u kollha miġbura fi ħsebijiet ta' niket, nistħajjilni naraha sejra qajl qajl lejn Tagaste, u hemmek tgħaddi jiem suwed u ljeli ta' imrar tagħmel wegħedi għall-ħelsien ta' binha l-imsejken.

Nistħajjilni naraha meta, fl-aħħar, mimlija bi qlubija ta' raġel, ħalliet art twelidha u qalb ħafna taħbit ġiet tfittixni sa l-ibgħad truf ta' l-Italja. Niftakar ukoll il-ferħ li hija ħasset meta waslet hemmek fejn għandu maqgħadu l-kbir Ambroġ u sabitni mfejjaq mill-marda Manikija, għad li kont għadni miniex nisrani. U x'jum kien għaliha meta fl-aħħar mirdud lilek, ja għajn ta' kull ġid, ratni mwieled mill-ġdid flimkien ma' ibni Adeödatu bil-ħasil imqaddes tiegħek? Ah! dak inhar kienu mseddqin ix-xewqat tagħha f'dina l-art. Inti n-nifsek, imbagħad, għidtuli dan, ja ommi l-għażiża, u jien għad għandi quddiem għajnejja l-iħwal ta' dik it-taħdita. Konna fis-safra tagħna lejn l-Afrika meta wasalna Ostja. Hemmek waqt li konna f'gallerija ta' lukanda, minn fejn konna nitgħaxxqu bid-dehra ta' ġnejna, waqa' kliemna fuq il-ġid ta' dejjem li jistenniena fil-ġenna. Jibqgħu għal dejjem minquxin f'qalbi dawk il-għidut tiegħek li għalqu it-taħdita tagħna. "Ibni" inti għidtli b'wiċċ li kellu fih xi ħaġa iżjed minn tal-bnedmin, "għalija l-ħajja ma fiha xejn iżjed li jiġbidni. Kull ma kont nittama f'did-dinja huwa għalija mitmum; għalhekk ma nafx għalfejn qiegħda hawnhekk u x'nista' nagħmel.

Qabel ma ninżel fid-dlamijiet tal-qabar kont xtaqt li narak nisrani. Il-ħniena t'Alla tatni li xtaqt u iżjed milli kont nitma. Jiena qiegħda narak mhux biss nisrani, imma wkoll miexi għall-quċċata tal-virtujiet nisranija, tistmell il-ġid ta' did-dinja. Xejn ma jonqosni issa għajr li fis-sliem nagħlaq għajnejja".

X'weġibtek jien ma niftakarx iżjed, iżda naf li dana kien sewwa sew ħamest ijjiem qabel ma qabdek dak id-deni li f'disat ijjiem ħaridni minnek. U dak il-ħin, meta inti mirbuħa mid-deni qalil kont diġa qrib il-mewt u bil-kemm stajt iddawwar rasek biex tħittex lili qalb dawk li kienu madwarek, b'wiċċek miksi bis-sfurija tal-mewt, b'ħarstek mitfija u għajnejk miksura, b'leħen għajjien... dgħajjef... maqtugħ... Ah ! inħoss qalbi tintefaħ... id-dwejjaq jagħfasli sidri... Ibki, ja Wistin, għax għandek għalfejn tibki. Inti tlift omm illi ftit hawn bħalha u tliftha meta bilkemm kont bdejt tafha u tafulha. Ja omm għażiża aħfirli..., Ah ! il-mewt ħirditna u xejn iżjed ma jgħaqqadna ħlief il-mewt. Inti nifs safi fil-wisgħa bla qies tas-sema u jiena ltim bla faraġ f'dan il-wied saflieni... Maħbuba ommi, għad li l-bogħod minni, inti dejjem quddiem għajnejja: jiena nħares lejk, jiena narak; leħnek il-għażiż jinżilli f'qalbi; jiena nisma' bil-għaxqa dak il-leħen għażiż u fuq kollox dawk l-aħħar għidut tiegħek... Imma x'qiegħed nagħmel imsejken jien b'moħħi mitluf ? b'dan it-tifkir jiena nħarrex iżjed, u le ma ntaffi, id-dwejjaq tiegħi.

D. K. F.